

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TA' L-AWDITURI

RAPPORT SPEĊJALI Nru 3/2008**Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea: huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli biżżejjed?
Fimkien mar-risposti tal-Kummissjoni***(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sottoparagrafu, KE)**(2008/C 153/01)*

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
SOMMARJU EŻEKUTTIV	I-VI	3
INTRODUZZJONI	1-5	3
L-AMBITU U L-APROĊ TAL-VERIFIKA	6-8	4
OSSERVAZZJONIJIET	9-41	4
Ħeffa	9-26	4
Kemm għadda żmien mid-diżastru sakemm sar il-ħlas ta' l-għajnuna?	9-19	4
Liema fatturi huma responsabbli għall-varjazzjoni fil-ħin meħud biex tinkiseb għaj- nuna mill-Fond?	20-22	7
Jista' l-ħin attwalment meħud jiġi meqjus bħala evidenza li l-Fond ipprovda reazzjoni rapida lill-applikanti?	23-26	7
Effiċjenza	27-31	9
Flessibilità	32-40	9
Kif jiġu trattati d-diżastri reġjonali mill-Fond?	34-38	9
Il-prinċipju tal-kalkolu ta' l-għotja jikkomprometti t-trattament ġust ta' l-għotjiet allo- kati lid-diżastri reġjonali?	39-40	11
L-applikanti huma sodisfatti bil-Fond?	41	11
KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET	42-47	12
<i>Anness — Applikazzjonijiet tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE mill-2002</i>		13
It-Tweġibiet tal-Kummissjoni		15

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (EUSF) ġie mwaqqaf fl-2002 b'reazzjoni għall-għargħar serju fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fir-Repubblika Ċeka u fi Franza. Il-Fond kien maħsub biex juri solidarjetà ma' l-Istati Membri li jkunu qed ibagħtu riżultat ta' diżastri naturali. Sa l-aħħar ta' l-2006 ġiet mogħtija għajjnuna ta' l fuq minn (1) biljun euro fir-rigward ta' 23 diżastru.

II. Il-Kunsill ried li l-EUSF ikun rapidu, effiċjenti u flessibbli fl-għoti ta' l-assistenza. Dan ir-rapport jeżamina jekk il-Fond kisibx dawn l-għanijiet u jekk l-Istati li rċevew assistenza kinux sodisfatti bil-Fond.

III. Il-Qorti rrevediet l-applikazzjonijiet kollha mibgħuta lill-Fond sa l-aħħar ta' l-2006 u sabet li l-Fond ma pprovdix reazzjoni rapida. Dan ġie kkonfermat permezz ta' sħarriġ imwettaq mill-Qorti. Iż-żmien meħud bejn id-diżastru u l-ħlas kien normalment ta' madwar sena.

IV. L-ispejjeż diretti assoċjati mal-ġestjoni tal-Fond mill-Kummissjoni huma baxxi u għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-Fond kien qed jaħdem b'mod effiċjenti. Fir-rigward ta' flessibilità, il-Qorti ma sabet l-ebda każ fejn il-Fond wera nuqqas ta' flessibilità fit-trattament tiegħu ta' l-applikazzjonijiet għal għajjnuna.

V. Madankollu minkejja l-proċess imtawwal involut sabiex tinkiseb l-għajjnuna mill-Fond, l-istati li rċevew il-flus kienu sodisfatti bil-Fond. Il-Fond għalhekk, fir-rigward ta' l-istati li rċevew għajjnuna, laħaq l-oġettiv ta' bażi tiegħu li juri solidarjetà ma' Stati Membri fi żminijiet ta' diżastru.

VI. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dettaljata lill-applikanti u konsulenza dwar kif huma għandhom jiġu ppreżentati b'informazzjoni mmedjata sabiex jassiguraw li ma jkunx hemm dewmien fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet.

INTRODUZZJONI

1. Fis-sajf ta' l-2002, il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u Franza ntlaw minn għargħar kbir. L-għargħar kien tant aħrax li l-ekonomiji fir-reġjuni milquta waqfu ħesrem għal xi żmien. Il-Komunità Ewropea irreaġixxiet malajr u f'Novembru ta' l-2002 ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Fond ⁽¹⁾.

2. Il-Fond kien maħluq biex jippermetti lill-Komunità tipprovdi għajjnuna finanzjarja rapida, effiċjenti u flessibbli f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mad-diżastri naturali. Mhuwiex iddisinjat biex ikopri l-ispejjeż kollha marbutin ma' diżastru immedjatament imma prinċipalment biex jirrimborsa parti minn dawk li għandhom x'jaqsmu mar-restawr ta' servizzi vitali u l-għoti ta' akkomodazzjoni temporanja. L-għan bażiku tal-Fond hu li juri solidarjetà ma' dawk l-istati li jkunu qed ibatu minħabba f'diżastri naturali. B'baġit annwali ta' biljun euro, il-Fond jintervjeni ⁽²⁾:

a) jekk stat membru jew stat ta' adeżjoni jintlaqat minn diżastru maġġuri, jiġifieri diżastru naturali li jirriżulta fi ħsara stmata 'l fuq minn 0,6 % tad-dħul gross nazzjonali jew iktar minn 3 biljun euro jekk id-dħul gross nazzjonali tal-pajjiż effettwat mid-diżastru huwa 'l fuq minn 500 biljun euro (prezzijiet ta' l-2002);

b) b'eċċezzjoni, jekk stat membru jew stat ta' adeżjoni jintlaqat minn diżastru ta' pajjiż ġar, jiġifieri diżastru naturali li effettwa wkoll stat membru jew stat ta' adeżjoni qarib (ġar) fejn ikkawża dannu ta' livell ta' diżastru maġġuri hekk kif definit hawn fuq; u

c) b'eċċezzjoni, jekk stat membru jew stat ta' adeżjoni jintlaqat minn diżastru reġjonali, jiġifieri diżastru li jaffettwa parti kbira tal-popolazzjoni ta' reġjun u b'riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u l-istabbiltà ekonomika f'dak ir-reġjun.

3. Ir-rata ta' l-għotjiet għad-diżastri kollha tiġi kkalkulata skond il-ħsara diretta kollha mġarrba mill-Istat. Fir-rigward ta' diżastri maġġuri l-għajjnuna tinkludi żewġ rati: għal ħsara li hija inqas minn 3 biljuni r-rata ta' l-għajjnuna hija 2,5 % u għal ħsara li hija akbar minn dan l-ammont ir-rata hija ta' 6 %. Fir-rigward ta' diżastri reġjonali u diżastri f'pajjiżi ġirien hemm rata ewlenija ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali.

4. Il-fond huwa operat mid-Direttorat-Ġenerali għall-Politika Reġjonali (DG Politika Reġjonali). Minn meta ġie mwaqqaf il-Fond sa l-aħħar ta' l-2006 DG Politika Reġjonali rċieva 41 applikazzjoni għall-għajjnuna. Kważi nofs l-applikazzjonijiet kienu konnessi ma' diżastri ta' għargħar. Ara *Tabella 1* għad-dettalji tat-tipi differenti ta' diżastri koperti mill-applikazzjonijiet kollha.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

⁽²⁾ L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002.

Tabella 1

Numri ta' tipi differenti ta' diżastri (fl-applikazzjoni għall-ghajjnuna)

Tip ta' diżastru	Matul is-sena					Total
	2002	2003	2004	2005	2006	
Għargħar	4	3	3	7	2	19
Nirien fil-foresti	0	3	7	0	1	11
Tempesta	0	0	0	5	0	5
Terremot	0	1	1	0	0	2
Tixrid taż-żejt	0	1	0	0	0	1
Maltemp	0	1	0	0	0	1
Eruzzjoni ta' vulkan	0	1	0	0	0	1
Splużjoni	0	0	0	0	1	1
Total	4	10	11	12	4	41

Sors: Ir-reġistri ta' l-applikazzjonijiet tad-DĠ Politika Reġjonali.

5. B'mod ġenerali, ġiet mogħtija għajjnuna totali ta' 1 084 miljun euro matul dan il-perijodu, li-23 applikazzjoni approvata kif muri fit-Tabella 2 (għal lista dettaljata ta' każijiet ara l-Anness I).

Tabella 2

Numru ta' applikazzjonijiet u l-ammonti ta' għajjnuna matul is-snin 2002-2006 skond il-kategorija ta' emerġenza

Kategorija ta' emerġenza	Applikazzjonijiet irċevuti	Applikazzjonijiet approvati	Applikazzjonijiet miċħuda	Ammont ta' għajjnuna mogħtija (miljuni ta' euro)
Diżastru naturali maġġuri	15	14	1	961,3
Pajjiż ġar	2	2	0	1,6
Diżastru reġjonali	24	7	17 ⁽¹⁾	121,1
Total	41	23	18	1 084

⁽¹⁾ Jinkludi żewġ każijiet li ġew irtirati aktar milli miċħuda.

Sors: Ir-reġistri ta' l-applikazzjonijiet tad-DĠ Politika Reġjonali.

L-AMBITU U L-APROĊ TAL-VERIFIKA

6. L-objettiv tal-verifika kien li jkejjel il-ħeffa, l-effiċjenza u l-flessibilità ta' l-implimentazzjoni tal-Fond mill-Kummissjoni minn meta twaqqaf. Dan sar permezz tar-reviżjoni tal-41 applikazzjoni kollha irċevuti bejn il-bidu tal-Fond (2002) u l-aħħar ta' l-2006 mid-DĠ Politika Reġjonali.

7. Il-Qorti ippruvat tirispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:

a) Il-Fond ipprova reazzjoni rapida lill-applikanti, jiġifieri stati jew reġjuni milquta minn diżastru?

b) Din l-għajjnuna ġiet mogħtija b'mod effiċjenti?

c) Mingħajr ma jikkomprometti l-prinċipju ta' trattament ġust, ir-reazzjoni tal-Fond lill-applikanti kienet flessibbli?

d) L-applikanti huma sodisfatti bil-Fond?

8. Il-verifika saret fil-biċċa l-kbira tagħha permezz ta' intervisti, eżami tal-faljs fil-Kummissjoni u analiżi tad-data miġbura. Barra minn hekk, il-Qorti għamlet ukoll stħarriġ elettroniku billi indirizzat kwestjonarji lis-37 applikant minn 41 fi 17-il stat li kienu fixxew għajjnuna mill-Fond (ara l-Anness I). Il-Qorti rċeviet tveġiba mingħand 33 applikant minn 15-il stat membru (rata ta' rispons ta' 89 %).

OSSERVAZZJONIJIET

Ħeffa


Kemm għadda żmien mid-diżastru sakemm sar il-ħlas ta' l-għajjnuna?

9. Iż-żmien medju għat-23 applikazzjoni li kienu ta' suċċess, biex jirċievu l-għajjnuna kien ta' 375 ġurnata.

10. Il-Qorti eżaminat il-ħin meħud sabiex tinkiseb l-għajjnuna mill-Fond billi qasmet l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet f'fażijiet. Hemm ħames fażijiet prinċipali fil-proċess amministrattiv mid-data tad-diżastru sad-data tal-pagament (Ara l-Figura 1).

Figura 1

Fażijiet fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-Fond



11. It-Tabella 3 hawn taħt turi ż-żmien medju meħud għal kull fażi fil-proċess. Filwaqt li l-ħin medju għall-ewwel żewġ fażijiet jirreferi għall-41 applikazzjonijiet kollha, iż-żmien medju għall-aħħar tlett fażijiet jirreferi biss għat-23 applikant li kienu ta' suċċess.

Tabella 3

In-numru medju ta' ġranet għal kull fażi fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond

Fażi	Żmien medju fi ġranet kalendarji
Applikazzjoni	66
Eżami	148
Baġit	65
Deċiżjoni dwar l-għotja	94
Ħlas	24

Sors: Ir-reġistri ta' l-applikazzjonijiet tad-DĠ Politika Reġjonali.

Medja ta' madwar xahrejn biex tasal applikazzjoni minn stat

12. Kif muri fit-Tabella 3, it-tul ta' żmien medju għall-fażi ta' applikazzjoni huwa ta' 66 ġurnata. Ir-Regolament li jirregola l-għajnuna mill-Fond jirrikjedi li l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni "malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn għaxar ġimgħat wara l-ewwel ħsara kkawżata mid-diżastru" ⁽¹⁾. Madankollu, f'seba' każijiet (kważi fis-17 % tal-każijiet) l-applikazzjoni kienet ippreżentata iktar tard minn għaxar ġimgħat wara d-diżastru, jiġifieri wara d-data ta' skadenza. Apparentement, l-applikanti għandhom bżonn minn ta' l-inqas xahrejn sabiex jippreparaw l-applikazzjoni. L-applikazzjoni tiegħi daqshekk ħin minħabba li huwa neċessarju li tinġabar evidenza biex issostni l-applikazzjoni inkluża informazzjoni dwar il-proporzjon tal-popolazzjoni milquta mid-diżastru.

⁽¹⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

Medja ta' kważi ħames xhur għall-Kummissjoni biex tiġbor l-informazzjoni nieqsa u teżamina l-eliġibilità ta' l-applikazzjoni.

13. Kif muri fit-Tabella 3, il-fażi ta' eżami hija l-itwal mill-fażijiet kollha fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond. Din tiegħi iktar minn terz tal-ħin mid-data tad-diżastru sad-data tal-pagament. Wara li tirċievi applikazzjoni l-Kummissjoni tiċċekkja l-eliġibilità ta' l-applikazzjoni, li jimplika, fi kważi l-każijiet kollha, li jkollha ssaqsi għall-informazzjoni addizzjonali mill-istat applikanti kkonċernat (ara l-Kaxxa 1). Dan l-istadju jispiċċa b'deċizzjoni dwar jekk l-għajnuna tingħatax jew le.

Kaxxa 1

L-għoti ta' l-informazzjoni neċessarja lill-Kummissjoni

Iż-żmien li l-Kummissjoni teħtieġ biex tanalizza applikazzjoni u titlob informazzjoni addizzjonali jvarja b'mod sinifikanti. Waqt għar-għar li seħħ fl-2005, ħafna informazzjoni — u b'mod partikolari data elettronika — intbagħtet immedjatement wara li ġara d-diżastru u qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni uffiċjali. Irriżulta li l-Kummissjoni saqsiet għal iktar informazzjoni 1,6 xahar qabel ma rċeviet l-applikazzjoni u l-istadju ta' eżami kien iqsar mill-medja. F'każ ta' nirien fil-foresta fl-2003, l-awtoritajiet bagħtu l-informazzjoni li kienet mitluba mill-Kummissjoni, il-ġurnata ta' wara. Dan irriżulta f'ħin totali ta' eżami ta' 1,5 xahar biss. Fl-estrem l-ieħor, f'każ ta' l-2003, l-eżami ħa 12,5 xahar. Ir-raġuni kienet illi l-awtoritajiet nazzjonali bagħtu pakkett kbir imma mhux komplet ta' dokumentazzjoni ta' sostenn bil-lingwa nazzjonali tagħhom.

14. Il-Qorti eżaminat kif l-applikanti ihsu lejn id-dewmien tal-fażi ta' eżami (ara t-Tabella 4). Skond id-data ta' l-istħarriġ, iktar min-nofs l-applikanti li kellhom suċċess u kif ukoll iktar minn żewġ terzi ta' l-applikanti li ma kellhomx suċċess kienu ta' l-opinjoni li l-ħin li l-Kummissjoni ħadet sabiex teżamina l-applikazzjoni tagħhom kien raġonevoli. L-applikanti li kellhom suċċess huma dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew approvati, l-applikanti li ma kellhomx suċċess huma dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda.

Tabella 4

Perċentwali ta' applikanti li kkunsidraw il-fażi ta' eżami bħala raġonevoli, twila jew twila wisq jew li kellhom xi opinjoni oħra

Opinjoni dwar id-dewmien tal-fażi ta' eżami	Applikanti	
	Approvati	Miċħuda
Raġonevoli	50 %	67 %
Twila wisq	39 %	11 %
Oħra	11 %	11 %
Ma tapplikax	0 %	11 %
Total	100 %	100 %

Sors: Data ta' l-istħarriġ miksuba mill-applikanti mill-Qorti.

15. Barra minn hekk, it-Tabella 5 turi t-tul ta' żmien medju tal-fażi ta' eżami kkunsidrat mill-applikanti bħala raġonevoli u t-tul ta' żmien medju tal-fażi ta' eżami kkunsidrat mill-applikanti bħala twil wisq. Huwa interessanti li wieħed jinnota li l-applikanti li ġew miċħuda jidhru li huma iktar "paċenzjużi" mill-applikanti li ġew approvati. Huwa tajjeb li wieħed jinnota wkoll li applikant miċħud wieħed biss ikkunsidra l-ħin meħud mill-Kummissjoni bħala "twil wisq".

Tabella 5

Relazzjoni bejn is-suċċess ta' l-applikazzjoni, it-tul ta' żmien tal-fażi ta' eżami u l-opinjoni ta' l-applikanti

Applikazzjonijiet approvati		Applikazzjonijiet miċħuda	
Żmien medju għal dawk l-applikanti li kkunsidraw li l-ħin meħud kien raġonevoli	Żmien medju għal dawk l-applikanti li kkunsidraw li l-ħin meħud kien twil wisq	Żmien medju għal dawk l-applikanti li kkunsidraw li l-ħin meħud kien raġonevoli	Żmien medju għal dawk l-applikanti li kkunsidraw li l-ħin meħud kien twil wisq
101 ġurnata	171 ġurnata	129 ġurnata	181 ġurnata

Sors: Data ta' l-istħarriġ miksuba mill-applikanti mill-Qorti.

Iktar minn medja ta' xaharejn biex ir-riżorsi finanzjarji jsiru disponibbli fil-baġit ta' l-UE

16. Wara d-deċizzjoni fil-prinċipju tal-Kummissjoni, tibda l-fażi tal-baġit. Il-linja tal-baġit għall-EUSF hija biss annotazzjoni nominali. Il-Kummissjoni tipprepara "talba baġitarja" li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja (il-Kunsill u l-Parlament). Din il-proċedura ta' emenda tal-baġit tiegħi iktar minn medja ta' xaharejn imma tista' tiżdied għall-erba' xhur matul il-perijodi tal-vakanzi (ara l-Kaxxa 2).

Kaxxa 2

L-approvazzjoni tal-proċedura ta' emenda tal-baġit

Għal żewġ applikazzjonijiet dwar għar-għar fl-2005, id-deċizzjoni fil-prinċipju ttieħdet f'Diċembru 2005 imma l-emenda fil-baġit ġiet approvata biss f'April 2006, erba' xhur iktar tard. Fir-rigward ta' għar-għar fl-2004, id-deċizzjoni fil-prinċipju ttieħdet f'Ġunju 2005 u l-emenda fil-baġit ġiet approvata biss f'Settembru 2005, tliet xhur iktar tard.

Medja ta' tliet xhur biex jiġu ffirmati d-dokumenti kollha

17. Ladarba r-riżorsi finanzjarji meħtieġa jkun disponibbli fil-baġit, il-Kummissjoni tadotta deċizzjoni dwar l-għotja u tik-konkludi ftehim ma' l-applikant. Dan il-ftehim jistabbilixxi t-tip u l-post ta' l-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati mill-Fond. Kif muri f'Tabella 3, din il-fażi tiegħi madwar medja ta' tliet xhur. Madankollu dewmien mhux normali ġie osservat f'seba' każijiet, u dan kien minħabba li l-applikanti ħadu wisq żmien biex jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa, li xi kultant ikunu tant sempliċi

bħan-numru ta' identifikazzjoni tal-kont bankarju biex ikun jista' jsir il-ħlas. Il-metodu li permezz tiegħu d-dokumenti jintbagħtu lill-Kummissjoni wkoll jista' jikkawża dewmien. Per eżempju xi wħud mill-applikanti li rritornaw lura l-ftehim dwar l-għotja ffirmat permezz tal-posta diplomatika lir-rappreżentazzjoni permanenti tagħhom, li mbgħad għaddietu lill-Kummissjoni sabu li dan fil-fatt dam aktar mill-posta diretta.

18. It-total tal-ħin medju għall-fażi tal-baġit u l-ħin medju għall-fażi tad-deċiżjoni dwar l-għotja jirrappreżenta kważi nofs il-ħin medju mid-data tad-diżastru sad-data ta' meta tinkiseb l-ghajjnuna mill-Fond. Għalhekk, biex ir-riżorsi finanzjarji jsiru disponibbli u biex id-dokumenti kollha jiġu ffirmati jieħdu ħin daqs kemm iddum tiġi eżaminata applikazzjoni.

Kważi medja ta' xahar biex isir il-ħlas

19. Kif muri fit-Tabella 3, il-ħin medju meħud għall-fażi tal-ħlas huwa ta' 24 ġurnata. Ladarba l-ftehim ikun ġie ffirmat miż-żewġ partijiet, il-ħlas innifsu normalment jieħu inqas minn xahar, imma jista' jieħu iktar żmien. Dan iseħħ jekk il-ftehim iffirmat jaasal għand il-Kummissjoni biss fil-bidu tas-sena baġitarja. Imbagħad — minħabba l-proċeduri tal-kontabilità fl-aħħar u fil-bidu tas-sena — il-ħlas ma jsirx qabel ix-xahar ta' Marzu.

Liema fatturi huma responsabbli għall-varjazzjoni fil-ħin meħud biex tinkiseb għajjnuna mill-Fond?

20. S'issa, dan ir-rapport ippreżenta l-ħin medju meħud għal kull waħda mill-ħames fażijiet fil-proċess biex tinkiseb għajjnuna mill-Fond. Kien hemm varjazzjoni wiesgħa madwar il-ħin medju. Il-Qorti ppruvat tidentifika fatturi li huma responsabbli għal din il-varjazzjoni. Għalhekk il-Qorti eżaminat il-punt safejn il-varjazzjoni hija spjegata permezz tal-kategorija tad-diżastru, it-tip tad-diżastru u l-pajjiż fejn seħħ id-diżastru. Tliet kategoriji ta' diżastri ġew stabbiliti: maġġuri, ta' pajjiżi ġirien u regionali. Fir-rigward tat-tip, id-diżastri ġew ikklassifikati bħala għargħar, nirien fil-foresta, tempesta, terremot, tixrid taż-żejt, maltemp, eruzzjoni ta' vulkan u splużjoni. Ma nstabet l-ebda relazzjoni sinifikanti bejn il-kategorija tad-diżastru u l-ħin meħud biex tinkiseb l-ghajjnuna mill-Fond. L-istess japplika għat-tip ta' diżastru u l-pajjiż fejn seħħ id-diżastru.

21. Eżempju ta' l-analiżi ta' varjazzjoni fil-ħin meħud biex tinkiseb l-ghajjnuna mill-Fond huwa ppreżentat fit-Tabella 6. Ir-relazzjoni bejn it-tip ta' diżastru u d-dewmien ta' l-applikazzjoni hija murija hemmhekk. Kif jidher, it-tip ta' diżastru mhux responsabbli għall-parti sinifikanti tad-differenza fil-ħin li l-applikant għandu bżonn biex jippreżenta l-każ tiegħu lill-Kummissjoni.

Tabella 6

Dewmien tal-fażi ta' l-applikazzjoni meta mqabbla mat-tip ta' diżastru

Tip tad-diżastru	Numru ta' applikazzjonijiet	Numru medju ta' ġranet	Numru minimu ta' ġranet	Numru massimu ta' ġranet	Devjazzjoni Standard
Għargħar	19	67	12	106	17
Nirien fil-foresta	11	58	24	70	17
Tempesta	5	64	61	67	2
Terremot	2	72	70	74	2
Tixrid taż-żejt	1	55	55	55	0
Maltemp	1	79	79	79	0
Eruzzjoni ta' vulkan	1	79	79	79	0
Splużjoni	1	68	68	68	0
Id-diżastri kollha	41	66	12	106	15

Sors: Ir-reġistri ta' l-applikazzjonijiet ta' DĠ Politika Reġjonali.

22. L-analiżi tal-Qorti tissuġġerixxi illi l-ħin meħtieġ biex jiġu mmobilizzati l-fondi jiddependi prinċipalment fuq:

- a) ir-regoli amministrattivi li għandhom jiġu applikati;
- b) ir-rapidità tal-Kummissjoni, inkluż il-bżonn ta' traduzzjoni;
- c) kemm huma immedjati r-risposti ta' l-awtoritajiet nazzjonali; u
- d) il-kwalità ta' informazzjoni mogħtija mill-applikant.

Jista' l-ħin attwalment meħud jiġi meqjus bħala evidenza li l-Fond ipprova reazzjoni rapida lill-applikanti?

23. Sar sforz biex ir-rapidità tal-Fond titqabbel ma' Fondi jew attivitajiet simili oħra. Diversi fondi u attivitajiet oħra ġew evalwati.

L-eqreb ekwivalenti nstab li kien il-Fond ta' Ghajjnuna f'Emerġenza tad-Direttorat-Ġenerali għall-Ghajjnuna Umanitarja (ECHO) tal-Kummissjoni. Iżda, minkejja li hemm similaritajiet bejn iż-żewġ Fondi, ma jixxibhux biżżejjed biex jipprovdu standard dwar ir-rapidità tal-Fond ta' Solidarjetà. Il-Fond ta' Ghajjnuna f'Emerġenza għandu qafas regolatorju u ta' proċedura speċifiku li huwa ddisinjat biex jassigura li jista' jipprovdi ghajjnuna soċjali immedjata (eż. fażi ta' eżami ta' inqas minn ġimgħa u linja tal-baġit fissa). Il-Fond m'għandux qafas regolatorju ekwivalenti.

24. Madankollu, meta analizzat id-data, il-Qorti nnutat illi l-ewwel erba' applikazzjonijiet ġew imħallsa fuq firxa ta' żmien bejn 100 u 150 ġurnata mid-data tad-diżastru, medja ta' 131 ġurnata. Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq l-ewwel erba' applikazzjonijiet qabel ma l-Fond kien stabbilit kompletament. Il-ħin ta' proċessar għal dawk l-erba' applikazzjonijiet jipprovdi standard ta' tqabbil li miegħu jistgħu jiġu evalwati l-ħinijiet ta' proċessar ta' applikazzjonijiet sussegwenti. Jekk għal applikazzjoni li waslet fl-2003 jew iktar tard meta l-Fond kien imwaqqaf kompletament, il-ħin ta' proċessar, jiġifieri l-ħin mid-data tad-diżastru sa meta nkisbet l-ghajjnuna mill-Fond, jeċċedi l-150 ġurnata, dan jista' jitqies bħala ħin twil. Il-ħin medju ta' proċessar għad-19-il applikazzjoni aċċettati wara l-ewwel erba' applikazzjonijiet kien ta' 415-il ġurnata, u għalhekk il fuq mill-istandard stabbilit. Għalhekk, il-Qorti ma tikkunsidrax li l-Fond huwa rapidu fl-għoti ta' ghajjnuna fis-snin wara l-2002. Il-Fond kien ħafna iktar rapidu fir-rigward ta' l-ewwel erba' applikazzjonijiet milli fir-rigward ta' dawk sussegwenti.


25. L-erba' każijiet standard jistgħu jgħinu biex jidentifikaw mod kif il-proċess f'każijiet ġodda jista' jiġi aktar mgħaġġel. F'dawn l-erba' każijiet:

- l-eżami dam medja ta' disa' ġranet biss minħabba li dokumentazzjoni sinifikanti ingħatat lill-Kummissjoni fl-istadji preliminari (qabel l-applikazzjoni formali);
- il-fażi tal-baġit damet medja ta' tmint ijiem biss minħabba li l-Kummissjoni baġtet il-proposta lill-Parlament fl-istess ġurnata illi ttieħdet d-deċiżjoni fil-prinċipju; u
- fil-fażi tad-deċiżjoni dwar l-għotja, ammont ta' ħin sinifikanti ġie ffrankat minħabba li l-ftehim kien iffirmit miż-żewġ partijiet fl-istess ġurnata.

26. Il-Qorti eżaminat jekk l-applikanti jqisux li t-tul tal-proċess kien kellu impatt fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju. L-istħarriġ wera li l-parti l-kbira ta' l-applikanti jqisu li t-tul tal-proċess ma kellu l-ebda effett fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju. Din l-opinjoni probabbilment hija dovuta għall-fatt li l-fond huwa użat prinċipalment għar-rimborż ta' parti żgħira mill-ispejjeż kkawżati mid-diżastru (ara l-Grafika 1)

Grafika 1

Opinjoni skond stħarriġ fuq l-istati benefiċċjarji dwar l-effett tal-Fond fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju



Effiċjenza

27. Il-Fond jinħtieġ illi jkun effiċjenti. Ir-regolament jistipula li “għandhom jiġu aġġustati proċeduri amministrattivi bix-xieraq u l-limitati għall-minimu assolut neċessarju” mingħajr ma jiddefinixxi l-kunċett iktar fil-fond ⁽¹⁾.

28. Il-Qorti rrevediet il-proċeduri li l-istati beneficijarji huma meħtieġa li jissodisfaw fir-rigward ta' l-appaltar, l-ikkuntrattar, l-implimentar, ir-rappurtar u l-verifika ta' l-għotja. Il-Qorti kkonkludiet illi r-rekwiżiti għall-istati beneficijarji ta' l-EUSF huma inqas onerużi minn dawk li qed jirċievu Fondi oħra ta' l-UE. Jista' għalhekk jiġi kkunsidrat li l-proċeduri amministrattivi ġew imnaqqsa għal livell li jassigura li l-proċeduri huma effiċjenti għall-istati beneficijarji.

29. Il-Qorti rrevediet il-proċeduri amministrattivi fil-Kummissjoni biex tkejjel jekk dawn kinux miżmuma fuq livell minimu. Il-Qorti kkonkludiet li skond il-qafas preżenti tal-Fond (jiġifieri fond ta' solidarjetà u mhux ta' emerġenza) il-ħames fażijiet kollha ta' proċeduri amministrattivi kienu neċessarji u l-ebda waħda minnhom ma kienet bla bżonn.

30. Minkejja l-fatt li l-Kummissjoni m'għandiex sistema ta' kontabilità li tipprovi *data* biex tikkalkula l-ispejjeż tal-Fond, l-ispiża diretta medja tal-ġestjoni tal-Fond tista' tiġi stmata għal madwar 0,06 % (jew inqas minn 0,1 %) ta' l-ammont mogħti kif muri fit-*Tabella 7*. Minn meta twaqqaf il-Fond fl-2002, żewġ persuni ġew allokati, b'mod permanenti, il-kompitu li jmexxu s-servizzi tal-Fond. Huma jieħdu ħsieb il-proċess mill-bidu ta' l-applikazzjonijiet sa' l-għeluq ta' l-għajjnuna.

31. Bi sforz biex tiġi kkalkulata l-ispiża totali tal-ġestjoni tal-Fond mill-Kummissjoni intalbet informazzjoni addizzjonali kemm mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani u kif ukoll minn dak tal-Verifika dwar persunal ieħor li assenjat fuq dan il-kompitu, il-frekwenza tal-missjonijiet u l-ispiża ta' l-unitajiet operattivi u tal-verifika kif ukoll spejjeż oħra amministrattivi, ta' monitoraġġ u ta' kontroll fuq il-post. Informazzjoni limitata kienet disponibbli. Għalhekk sabiex jinħoloq “standard” għal skopijiet ta' evalwazzjoni, il-Qorti kkalkulat stima ta' l-ispejjeż kollha imsemmija hawn fuq, fuq bażi annwali. Dan juri ammont totali medju ta' 170 000 euro. Fit-*Tabella 7* wieħed jista' jara li l-ispejjeż amministrattivi huma minimi meta mqabbla ma' l-ammont ġestjonat. Bħala indikazzjoni, fl-2002, sena b'ġestjoni ta' erba' każijiet biss, l-ispejjeż amministrattivi rappreżentaw 0,02 % ta' l-għajjnuna mogħtija. Is-sejbiet tal-Qorti jindikaw li l-Kummissjoni iġġesti l-Fond b'mod effiċjenti.

⁽¹⁾ Reċita 8 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

Tabella 7

Spejjeż Amministrattivi u ammont ta' xogħol tal-Fond kull sena

	Sena 2002	Sena 2003	Sena 2004	Sena 2005	Sena 2006
Nefqa annwali amministrattiva ta' DG REGIO (miljuni ta' euro)	0,15	0,16	0,17	0,18	0,19
Numru ta' applikazzjonijiet	4	10	11	12	4
Għajjnuna mogħtija (miljuni ta' euro)	728	107	20	205	24

Sors: L-istima mill-Qorti ta' l-ispejjeż u d-DG Politika Reġjonali.

Flessibilità

32. Fil-kuntest ta' din l-analiżi l-flessibilità hija definita bħala l-faċilità li biha sistema tista' tiġi aġġustata għall-użu f'applikazzjonijiet jew f'ambjent għajr dawk li għalihom tkun ġiet speċifikament iddisinjata. Il-Fond ġie ddisinjat għad-diżastri maġġuri. Għalhekk jista' juri flessibilità fir-rispons għall-applikazzjonijiet assoċjati ma' diżastri reġjonali.

33. Il-Fond għandu jippermetti lill-Komunità li tirrispondi b'mod flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, imma każijiet eċċezzjonali għandhom jiġu trattati bl-aktar mod rigoruż ⁽²⁾. Il-flessibilità tal-Fond m'għandiex tikkomprometti l-prinċipju ta' trattament ekwu.

Kif jiġu trattati d-diżastri reġjonali mill-Fond?

34. Il-Qorti rrevediet it-trattament tad-diżastri reġjonali u maġġuri. L-analiżi ffukat fuq il-“flessibilità” mill-perspettiva tat-trattament ekwu ta' l-applikazzjonijiet. Dan ifisser l-istima ġusta tar-rikjesti sottomessi mill-applikanti u l-użu ta' kriterji koerenti u konsistenti mill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u ċ-ċaħda ta' l-applikazzjonijiet.

35. Mit-18-il applikazzjoni li ġew miċħuda ⁽³⁾, 15 (83 %) kellhom x'jaqsmu ma' diżastri reġjonali. Ir-raġuni għal dan il-livell għoli ħafna ta' ċaħdiet huwa li d-definizzjoni ta' diżastri reġjonali

⁽²⁾ L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

⁽³⁾ Inklużi żewġ applikazzjonijiet irtirati.

hija x'aktarx vaga u l-eliġibilità tagħhom għall-Fond hija iktar ikkumplikata biex tiġi evalwata. Kull każha mill-Kummissjoni huwa ġustifikat b'sett ta' raġunijiet. Ir-raġunijiet ewlenin illi l-Kummissjoni tat dwar ir-rifjut kienu:

- a) l-applikazzjonijiet ġew ippreżentati tard u/jew ma kinux kompleti;
- b) il-ħsara rrappurtata fl-applikazzjoni ma laqtitx parti kbira mill-popolazzjoni u ma ġietx ikklassifikata bħala diżastru reġjonali;
- c) informazzjoni mhux korretta dwar id-data tad-diżastru mogħtija mill-istati membri.

36. Filwaqt li l-Qorti ma tqisx li l-każijiet li ġew miċħuda kellhom jiġu aċċettati, hija tinnota li hemm żewġ każijiet fejn hemm nuqqas ta' ċarezza fil-mod ta' kif ġew applikati l-kriterji jew fil-ġustifikazzjoni ppreżentata lill-istat membru (ara l-Kaxxa 3). F'każ wieħed il-kundizzjonijiet ta' eliġibilità li jirrigwardaw il-livell ta' popolazzjoni effettwata ma ġewx applikati bħal f'każijiet ekwivalenti.

Kaxxa 3

Xi kriterji ta' eliġibilità applikati fil-każ ta' diżastri reġjonali


Għal wieħed min-nirien tal-foresti miċħuda fl-2005 — il-Kummissjoni allegat, bħala wieħed mill-argumenti, li dan ma effettwax parti kbira tal-popolazzjoni (ara l-kundizzjonijiet f' paragrafu 2). Madankollu, hija ma użatx l-istess argument biex tiċħad każ ieħor simili fl- 2003. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni nnifisha spjegat fir-rapport annwali ta' l-2002-2003 tagħha dwar l-EUSF għalfejn dik il-kundizzjoni ma kinitx applikabbli għal dak il-każ partikolari anke jekk il-kundizzjoni ma tantx tagħmel sens għall-ebda mill-applikazzjonijiet tan-nirien tal-foresti rrifjutati.

Waħda mir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni irrifjutat każ ta' għargħar fl-2004 kienet illi l-Mekkaniżmu tal-Komunità għall-Protezzjoni Ċivili ma kienx ġie attiv, li kien jimplika li l-għargħar kien ta' natura limitata. L-attivar ta' dan il-mekkaniżmu, iżda, mhuwiex rekwiżit mandatorju skond ir-Regolament. Dan il-każ ġie mqabbel ma' każ ta' għargħar fl-2005 li wkoll kien irrifjutat, fejn il-Kummissjoni wkoll għamlet referenza għall-mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili, imma f'dan il-każ stqarret li dan l-element ma kienx relevanti.

Grafika 2

L-opinjoni ta' l-applikanti dwar ir-raġuni taċ-ċaħda tal-Kummissjoni

Taqsam l-opinjoni espressa fl-ittra mingħand il-kummissjoni li tikkonkludi li ...



37. Il-Qorti eżaminat jekk l-applikanti għall-kategoriji kollha tad-diżastri li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda qablux mar-raġunijiet taċ-ċaħda tal-Kummissjoni. Dan jista' jiġi kkunsidrat bħala kejl tal-punt safejn ir-regoli ta' l-eliġibilità huma koerenti u mifhuma b'mod ċar. Id-data ta' l-istħarriġ tindika li 45 % ta' l-applikanti qablu ma' l-argumenti tal-Kummissjoni taċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni tagħhom kif muri fil-Grafika 2. L-applikanti li

ġew miċħuda ma qablux ma' l-argumenti tal-Kummissjoni minħabba fir-raġunijiet li ġejjin:

- a) impossibilità għar-reġjuni kkonċernati li jipprovdu d-data meħtieġa mill-Kummissjoni dwar il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ u fiż-żmien tassew qasir preskritt — f'kuntast ta' emerġenza fejn prijetà tingħata lill-bżonnijiet immedjati;

- b) xi kultant huwa diffiċli biex tikwantifika b'mod esklużiv f'termini ekonomiċi l-impatt tal-ħsara fuq il-popolazzjonijiet; per eżempju f'kommunitajiet żgħar rurali l-ħsara ma ssirx biss fuq il-proprietà imma anke fuq il-mod ta' ħajja u fuq il-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-għajxien. Fl-istess waqt ġie ddikjarat illi dawn l-inċidenti żgħar kollha jistgħu, jekk magħduda flimkien, joħlqu problema kbira;
- c) f'xi wħud mill-każijiet l-awtoritajiet jemmnu li, fil-passat, il-Kummissjoni aċċettat l-applikazzjoni u ffinanzjat l-azzjoni f'każijiet simili.

38. L-opinjonijiet innutati jindikaw li l-applikanti għandhom problemi bil-ħin allokat lilhom biex jippreparaw l-applikazzjoni, l-istima tal-ħsara f'termini ta' komponenti tal-ħsara li huma diffiċli biex jiġu kkwantifikati kif ukoll bil-kriterji użati mill-Kummissjoni biex teżamina l-applikazzjoni. L-aħħar element kritiku jista' jimplika li l-applikanti huma mħassba dwar il-ġustizzja tat-trattament f'xi wħud mill-każijiet.

Il-prinċipju tal-kalkolu ta' l-għotja jikkomprometti t-trattament ġust ta' l-għotjiet allokat li d-diżastri reġjonali?

39. Skond il-metodu użat mill-Kummissjoni ⁽¹⁾, id-diżastri reġjonali kollha jirċievu l-istess perċentwal tal-ħsara diretta totali, jiġifieri rata fissa ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali, mingħajr ma jittieħed kont tal-“prosperità” ta' l-istat jew ir-reġjun applikanti. B'kuntrast, fid-diżastri maġġuri il-kalkolu ta' l-għotja huwa bbażat fuq id-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-applikant li jipprovdi trattament iktar ekwu bejn il-pajjiżi b'relazzjoni mal-prosperità tagħhom.

40. L-immobilizzar tal-Fond skond “il-kriterju eċċezzjonali” (reġjonali) huwa r-regola u mhux l-eċċezzjoni (58 % tad-diżastri kienu diżastri reġjonali). Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet biex applikazzjoni jkollha suċċess skond il-kriterju ta' diżastru reġjonali straordinarju, li huma meħtieġa li jiġu eżaminati bl-ikbar reqqa possibbli huma estremament diffiċli biex jiġu sodisfatti. Għalhekk 83 % ta' l-applikazzjonijiet għad-diżastri reġjonali ġew miċħuda wara perijodu twil ta' eżami. Ir-rifjuti ma kinux minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-fondi peress li mit-twaqqif tiegħu f'Ottubru 2002 sa l-aħħar ta' l-2006 il-Fond ta' għajjuna għal ftit iktar mill-baġit tiegħu għal sena waħda.


L-applikanti huma sodisfatti bil-Fond?

41. L-applikanti kollha li rrispondew għall-istħarriġ kienu sodisfatti bil-Fond. Il-Fond huwa pperċepit bħala sinjal ta' solidarjetà, b'impatt pożittiv fuq l-opinjoni pubblika, b'mod speċjali fl-istati l-membri l-ġodda. Abbażi tar-risposti ta' l-istħarriġ (ara Grafika 3), ir-raġunijiet ewlenin mogħtija għal din is-sodisfazzjoni huma:

- il-kontribuzzjoni tal-Fond huwa sinjal tas-solidarjetà ta' l-UE mal-popolazzjoni tar-reġjunijiet effettwati, minħabba fl-iskala tad-diżastri;
- l-għotja għenet biex ittaffi l-ispejjeż enormi li kellhom x'jaqsmu mad-diżastri (estendiet operazzjonijiet ta' emerġenza sekondarji, għaġġlet il-proċess eċċ.);
- l-għajjuna rrapreżentat tnaqqis fil-piż fuq il-baġits pubbliċi, anke jekk xi kultant kienet limitata meta kkumparata mal-grad tad-diżastru;
- il-kontribuzzjoni kellha impatt pożittiv fuq l-opinjoni pubblika f'dak li għandu x'jaqsmu ma' l-adeżjoni fl-UE għall-pajjiżi kandidati.

Grafika 3

Sodisfazzjoni globali mill-EUSF



⁽¹⁾ Ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea 2002-2003, p. 24.

KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

42. L-eżami mill-Qorti dwar kif jaħdem il-Fond fl-2002-2006 juri li l-Fond ma' jipprovdi reazzjoni rapida. L-applikanti kellhom jistennu medja ta' madwar 12-il xahar wara li seħħ id-diżastru biex jirċievu l-pagament ta' l-assistenza. Id-dewmien ma kienx relatat mal-kategorija jew in-natura tad-diżastru, jew ma' l-oriġini ta' l-applikazzjoni. Il-ħin neċessarju biex jiġu mmobilizzati l-fondi jiddependi prinċipalment fuq il-firxa tar-regoli amministrattivi applikati, fuq il-ħeffa tal-Kummissjoni, fuq l-immedjatezza tar-risposti ta' l-awtoritajiet nazzjonali u fuq il-kwalità ta' l-informazzjoni provduta f'kull każ mill-applikanti (ara l-paragrafi 10 sa 26).

43. In-numru eżistenti ta' persunal li jmexxi l-Fond fuq il-livell tal-Kummissjoni wera li kien effiċjenti. Barra minn hekk instab li l-ispiża totali tat-tmexxija tal-Fond kienet baxxa ħafna meta mqabbla ma' l-għajnuna mogħtija (ara l-paragrafi 27 sa 31).

44. Ma jeżisti l-ebda każ fejn il-Fond wera nuqqas ta' flessibilità fit-trattament tiegħu ta' l-applikazzjonijiet għal-għajnuna. Jeżistu ftit każijiet li juru nuqqas ta' ċarezza fil-ġustifikazzjoni tar-rifjut ta' l-applikazzjonijiet fir-rigward tad-diżastri reġjonali. Il-metodu użat biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' l-għotja għall-diżastri reġjonali approvati ma jikkunsidrax il-prospertà ta' l-istat,

u għalhekk jista' ma jirrispettax il-prinċipju ta' l-ekwità (ara l-paragrafi 32 sa 40).

45. Fl-aħħar nett għandu jiġi nnutat illi, minkejja l-kwistjonijiet mqajma hawn fuq, l-applikanti kollha li rrispondew għall-istħarriġ huma sodisfatti bil-Fond. B'dan il-mod il-Fond kiseb l-oġettiv prinċipali tiegħu li huwa l-wirja ta' solidarjetà ma' l-istati membri f'sitwazzjonijiet ta' diżastri (ara l-paragrafu 41).

46. Sabiex jitħaffef il-pagament ta' l-assistenza, il-Kummissjoni għandu jkollha proċeduri stabbiliti, qabel it-tmien ta' l-2008, biex tassigura li stat applikanti jirċievi gwida dettaljata dwar il-ħtiġijiet ta' l-applikazzjoni malajr kemm jista' jkun, preferibbilment fi żmien ġimgħa minn meta l-istat jew ir-reġjun javża lill-Kummissjoni li sa jitlob l-għajnuna mill-Fond.

47. Barra minn hekk il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kuntatt dirett mal-korp fl-istat membru jew stat ta' adeżjoni responsabbli għall-preparazzjoni ta' l-applikazzjoni biex twissihom bin-nuqqasijiet komuni fl-applikazzjonijiet li jkunu waslu u tenfasizza l-importanza li wieħed jibgħat lura l-applikazzjoni u kull dokument ieħor mitlub mill-Kummissjoni, inkluż il-ftehim finali, malajr.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-13 ta' Marzu 2008.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Vitor Manuel DA SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TA' L-UE MILL-2002 (L-AĦĦAR AĠĠORNAMENT 31.12.2007/DĠ POLITIKA REĠJONALI)

Sena	Pajjiż		Tip tad-diżastru	Ħsara (miljun euro)	Kategorija	Għajnuna mogħtija (miljun euro)	Il-wasla ta' l-għajnuna mill-EUSF fuq livell nazzjonali ⁽¹⁾
2002	1	AT	għargħar	2 900,0	maġġuri	134,0	27.12.2002
	2	CZ	għargħar	2 300,0	maġġuri	129,0	13.01.2003
	3	FR	għargħar (Le Gard)	835,0	reġjonali	21,0	27.12.2002
	4	DE	għargħar	9 100,0	maġġuri	444,0	29.12.2002
Għajnuna totali 2002						728,0	
2003	1	ES	tixrida taż-żejt (Prestige)	436,0	reġjonali	8,6	29.03.2004
	2	IT	terremot (Molise/Apulia)	1 558,0	reġjonali	30,8	11.03.2004
	3	IT	eruzzjoni vulkanika (Etna)	849,0	reġjonali	16,8	11.03.2004
	4	IT	ghargħar (L-Italja tan-Nord)	1 900,0	reġjonali	miċhuda	ma tapplikax
	5	EL	maltemp aħrax xitwi	mħux applikabbli	maġġuri	miċħuda	ma tapplikax
	6	PT	nirien fil-foresti	1 227,9	maġġuri	48,5	02.12.2003
	7	FR	nirien fil-foresti (Nofsinhar ta' Franza)	531,1	reġjonali	miċħuda	ma tapplikax
	8	ES	nirien fil-foresti (il-fruntiera Portugiża)	53,2	pajjiż ġar	1,3	06.09.2004 (data tal-ħlas)
	9	MT	għargħar	30,2	maġġuri	1,0	12.11.2004 (data tal-ħlas)
	10	IT	ghargħar (Friuli Venezia-Giulia)	525,1	reġjonali	miċhuda	ma tapplikax
Għajnuna totali 2003						107,0	
2004	1	FR	għargħar (id-delta tar-Rhone)	785,0	reġjonali	19,6	07.07.2004
	2	ES	għargħar (Malaga)	72,9	reġjonali	miċħuda	ma tapplikax
	3-9	ES	nirien fil-foresti (7 applikazzjonijiet)	479,8	reġjonali	is-7 kollha miċħuda	ma tapplikax
	10	SK	għargħar	29,1	reġjonali	miċħuda	ma tapplikax
	11	SI	terremot	12,5	reġjonali	irtirata	ma tapplikax
Għajnuna totali 2004						19,6	

2005	1	SK	tempesta (Tatras)	202,7	maġġuri	5,7	07.11.2005
	2	IT	gharghar (Sardinja)	223,0	reġjonali	miċhuda	ma tapplikax
	3	EE	tempesta	47,9	maġġuri	1,3	mhux disponibbli
	4	LV	tempesta	192,6	maġġuri	9,5	mhux disponibbli
	5	SE	tempesta	2 297,3	maġġuri	81,7	18.04.2006
	6	LT	tempesta	15,2	pajjiż ġar	0,4	12.04.2006
	7	EL	għargħar ta' l-Evros	135,0	reġjonali	miċħuda	ma tapplikax
	8	RO	għargħar tar-rebbiegħa	489,5	maġġuri	18,8	17.08.2006
	9	BG	għargħar tar-rebbiegħa	222,3	maġġuri	9,7	07.07.2006
	10	BG	għargħar tas-sajf	237,4	maġġuri	10,6	07.07.2006
	11	RO	għargħar tas-sajf	1 049,7	maġġuri	52,4	17.08.2006
	12	AT	għargħar (Tyrol/Vorarlberg)	591,9	reġjonali	14,8	24.10.2006
Ghajjnuna totali 2005						204,9	
2006	1	UK	splużjoni	730,0	(reġjonali)	irtirata	ma tapplikax
	2	EL	għargħar	372,3	reġjonali	9,3	17.12.2007
	3	HU	għargħar	519,1	maġġuri	15,1	19.10.2007
	4	ES	nirien fil-foresti	91,0	reġjonali	miċħuda	ma tapplikax
Ghajjnuna totali 2006						24,4	
It-total komplessiv ta' l-ghajjnuna mogħtija mill-2002						1 083,9 miljun euro ⁽²⁾	

(¹) L-għotja mill-EUSF għandha tintuża fi żmien sena mid-data ta' meta tkun waslet l-għotja fil-pajjiż benefiċjarju. Mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sena l-pajjiż benefiċjarju għandu jippreżenta rapport ta' implimentazzjoni b'dikjarazzjoni ta' validità.

(²) Inklużi l-ammonti li għadhom iridu jitħallsu fl-2006 għall-applikazzjonijiet ta' l-2005.

IT-TWEĠBIET TAL-KUMMISSJONI**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

III. Ir-rapidità li biha l-fondi jsiru disponibbli lill-benefiċjarji tirrifletti direttament il-proċedura prevista fir-Regolament dwar l-EUSF, li kienu jfissru li, fil-prattika, mhuwiex strument ta' rispons rapidu iżda strument ta' finanzjament mill-ġdid għall-ispejjeż diġà mħallsa mill-awtoritajiet nazzjonali.

IV. Il-Kummissjoni taqbel li l-kundizzjonijiet biex applikazzjoni għal "diżastri reġjonali" (għall-kuntrarju tad-"diżastri maġġuri") tiġi approvata huma aktar diffiċli biex jintlaħqu. Dan huwa intiż mil-leġiżlatur, li jitlob lill-Kummissjoni fl-Artikolu 2 tar-Regolament biex teżamina "bl-akbar reqqa" kwalunkwe applikazzjoni għal diżastri reġjonali.

V. Il-Fond ta' Solidarjetà għen billi taffa l-piż finanzjarju fuq l-Istati milquta minn diżastri u kien ta' benefiċċju għad-dehra ta' l-Unjoni f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha, billi offra għajjnuna u riżorsi addizzjonali fi żminijiet ta' tbatija partikolari.

VI. Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Ftit wara l-adozzjoni tar-regolament ġiet żviluppata formola ta' applikazzjoni standard kif ukoll nota ta' gwida ddettaljata għall-applikazzjonijiet (it-tnejn li huma disponibbli fuq il-websajt ta' InfoRegio). Il-Kummissjoni biħsiebha tfittex kuntatt dirett ma' l-entità li tħejji t-talba, sakemm l-Istat applikant jaqbel, u testendi l-linji gwida ta' l-applikazzjoni tagħha sabiex twissi lill-entitajiet applikanti b'sorsi possibbli ta' dewmien.

OSSERVAZZJONIJET

10-13. Xi wħud mill-ħames stadji identifikati mill-Qorti jistgħu jikkoinċidu. Pereżempju, l-ewwel applikazzjoni sottomessa ħafna drabi tkun nieqsa minn informazzjoni essenzjali u l-Kummissjoni ma tkunx tista' tlesti l-evalwazzjoni tagħha sakemm tirċievi l-informazzjoni nieqsa.

Għall-applikazzjonijiet riċevuti fl-2005 (is-sena bl-ogħla numru ta' applikazzjoni matul il-perjodu evalwat mill-Qorti) iż-żmien medju qabel ma' l-Kummissjoni rċeviet l-informazzjoni nieqsa kien 93 jum.

F'dawk il-każijiet, meta l-applikazzjoni tkun sottomessa wara l-iskadenza ta' 10 ġimgħat previsti mir-Regolament, il-Kummissjoni tirrifjuta l-applikazzjonijiet.

16. Il-Kummissjoni titlob approprjazzjonijiet addizzjonali permezz ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari li Jemenda (ABPE) li tittieħed deċiżjoni dwarhom miż-żewġ ferġat ta' l-awtorità tal-baġit (il-Kunsill u l-Parlament) ⁽¹⁾.

24-25. L-ewwel erba' sottomissjonijiet taħt l-EUSF fl-2002 għandhom jitqiesu separatament u ma jistgħux jintużaw bħala punt ta' referenza peress li ġew indirizzati taħt ċirkostanzi mhux tas-soltu. L-applikazzjonijiet sħaħ fil-lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni waslu kmieni ħafna u ġew indirizzati filwaqt li r-regolament kien għadu qed jiġi żviluppat u l-proċeduri interni kienu għad iridu jiġu stabbiliti. Peress li r-regoli ta' eliġibiltà fir-regolament kienu stabbiliti fil-kuntest ta' dawn l-ewwel diżastri, iż-żmien ta' l-evalwazzjoni mitlub kien estremament qasir.

L-ammont totali għoli ħafna ta' l-għajjnuna ta' EUR 728 miljun, li qatt ma kien mistenni sa dak iż-żmien, ippermetta baġit ta' emenda separat fil-proċedura tal-baġit. Il-fatt li l-ftehimiet ta' implimentazzjoni kienu ffirmati fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (Kopenhagen) juri wkoll determinazzjoni politika qawwija u n-natura eċċezzjonali ta' dawn l-ewwel każijiet.

Ir-regolament dwar l-EUSF kurrenti ma jipprovdi għal strument ta' rispons rapidu iżda għal strument ta' rifinanzjament biss għall-ispejjeż ta' l-emerġenza diġà mħallsa mill-awtoritajiet nazzjonali.

36. Il-Kummissjoni tqis li l-kriterji fir-regolament ġew applikati bl-iktar mod ċar possibbli (ara l-kummenti ddettaljati fuq il-kaxxa 3). Madankollu, id-definizzjoni ta' diżastri reġjonali fir-Regolament huwa pjuttost vag u l-kundizzjonijiet biex l-applikazzjonijiet jiġu approvati huma diffiċli biex jintlaħqu. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jinvestu ħin u sforzi konsiderevoli, rispettivament, fit-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal diżastri reġjonali iżgħar li ta' spiss iwasslu għal rifjuti.

Fil-każijiet kollha msemmija fejn il-Kummissjoni pproponiet il-mobilizzazzjoni ta' l-EUSF, dan kien approvat mill-Kunsill u l-Parlament.

Kaxxa 3. Raġuni waħda għalxiex l-applikazzjonijiet għal "nirien fil-foresti" ġew irrifjutati kienet li d-diżastri ma laqtux il-parti l-kbira tal-popolazzjoni. Raġuni oħra kienet li ma kien hemm l-ebda "riperkussjonijiet serji li damu fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajjn u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun".

⁽¹⁾ Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-każ tat-tixrid taż-żejt tal-Prestige li għalih tirreferi l-Qorti ma jista' jitqabbel ma' l-ebda applikazzjoni oħra li qatt ġiet trattata mill-Kummissjoni minħabba li d-diżastru tal-Prestige ġara fil-baħar fejn il-kriterju tal-popolazzjoni ma jistax jiġi applikat b'mod raġonevoli.

Hekk kif tindika l-Qorti, l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili mhijiex rekwiżit taħt ir-Regolament. B'hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili kienx mobilizzat jew le lanqas biss kien rilevanti għad-deċiżjoni fiż-żewġ każijiet.

39. Il-metodu għall-kalkolu tas-sussidju kien diskuss fid-dettall mal-Kunsill u fl-ebda każ ma wassal għal kritika mill-pajjiżi benefiċjarji.

KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

42. Il-kwistjonijiet li qamu fir-rigward tar-rapidità huma inerenti għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri imposti mir-regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà. Hekk kif turi l-esperjenza li nġabret s'issa hemm lok — u fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-ħtieġa — għal titjib. Fl-2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament rivedut bi kriterji iktar sempliċi u ċari għall-attivazzjoni tagħha f'inqas ħin. Il-proposta ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-Parlament Ewropew iżda s'issa ma kien hemm l-ebda progress fil-Kunsill.

44. Il-Kummissjoni tqis li l-kriterji fir-regolament ġew applikati bl-iktar mod ċar possibbli (ara l-kummenti ddettaljati fuq il-kaxxa 3). Madankollu, id-definizzjoni ta' diżastru reġjonali fir-Regolament huwa pjuttost vag u l-kundizzjonijiet biex l-applikazzjonijiet jiġu approvat huma diffiċli biex jinlaħqu. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jinvestu ħin u sforzi konsiderevoli, rispettivament, fit-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal diżastri reġjonali iżgħar li ta' spiss iwasslu

għal rifjuti. Waħda mill-akbar bidliet fir-Regolament il-ġdid propost għalhekk hija li għandu jsir rikors biss għal-limiti kwantitattivi għal-livell ta' dannu meħtieġ biex ikun stimulat l-użu tal-Fond, u dan għandu jtejjeb it-trasparenza tal-Fond. Bir-reviżjoni proposta tal-Fond ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom idea aktar ċara ta' meta l-Fond x'aktarx li jkun jista' jsostnihom biex jirkupraw minn diżastru.

Rigward l-ekwatezza, il-prosperità ta' pajjiż jittieħed in kunsiderazzjoni l-iktar fid-definizzjoni tal-limitu tad-"diżastru maġġuri". Il-metodu għall-kalkolu tas-sussidju kien diskuss fid-dettall mal-Kunsill u fl-ebda każ ma wassal għal kritika mill-pajjiżi benefiċjarji.

46. Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Madankollu hija tinnota li, f'tit wara l-adozzjoni tar-regolament, hija ppubblikat linji gwida għall-pajjiżi applikanti u spjegat fid-dettall b'liema mod hija tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Sabiex tissimplifika l-proċedura u tgħin biex jiġi evitat id-dewmien fis-sottomissjoni ta' l-informazzjoni, il-Kummissjoni żviluppat formola ta' applikazzjoni standard kif ukoll nota ta' gwida ddettaljata għall-applikanti. Hija disponibbli wkoll fuq il-wabsajt ta' InfoRegio. Madankollu, f'ħafna każijiet, l-applikazzjonijiet ġew sottomoessi *ad hoc*, mingħajr ma l-Istati applikanti fittxew kuntatt minn qabel mal-Kummissjoni.

47. Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jiġi stabbilit kuntatt dirett ma' l-entità responsabbli għat-tħejjija ta' l-applikazzjoni. Fil-formola ta' l-applikazzjoni standard il-Kummissjoni tipproponi li l-Istat applikant jindika l-entità li tintroduċi t-talba u kuntatt amministrattiv. F'xi każijiet s'issa l-Istati applikanti ppreferew li l-Kummissjoni tikkomunika permezz tar-Rappreżentanza Permanenti. Il-Kummissjoni biħsiebha testendi l-linji gwida ta' l-applikazzjoni tagħha sabiex twissi lill-entitajiet applikanti bis-sorsi possibbli ta' dewmien fil-proċedura u sabiex tisħaq fuq l-importanza li jibagħtu lura l-applikazzjoni u kwalunkwe dokument ieħor mitlub mill-Kummissjoni malajr.